# *Niltaqgħu mal-Klassi tal-Year 6*



***Għalliema:*** Ms. Maria Ciappara

***Studenti (mix-xellug):***

Tristan Vella
Sylvia Galea
Bradley Camilleri
Yanika Gravina
Neil Saliba
Mariah Salerno
Brendan Lee Abela
Michaela Mangion

---

## *Is-Sehem tan- Nanniet fit-Trobbija tal-Ulied*

Nhar l-Erbgħa 12 t'Ottubru fl-iskola tagħna se ssir laqgħa għal dawk in-nanniet li jagħtu s-sehem tagħhom fit-trobbija tan-neputijiet tagħhom, partikolarment għal dawk li t-tfal jgħixu magħhom il-ħin kollu.

F'din il-laqgħa s-Sur Coleiro (College Counsellor) se jitkellem fuq l-iżvilupp tat-tfal, kif għandhom in-nanniet jikkomunikaw mat-tfal, x'tip ta' relazzjonijiet għandhom jinbnew, u jagħti tagħrif ukoll dwar xi bidliet soċjali li qed jaffettwaw ir-relazzjonijiet fil-familji tal-lum. Se jkun hemm lok ukoll fejn jirrispondi għad-domandi tagħhom.

Għalhekk inħeġġukom biex tħajru lill-ġenituri tagħkom biex jattendu għal din il-laqgħa importanti li eventwalment jibbenefikaw minnha t-tfal stess.

Fl-istess ħin tkun okkażjoni sabiħa biex in-nanniet ikollhom opportunita' li jidħlu fl-iskola fejn imorru n-neputijiet tagħhom . Ma jimpurtax jekk in-nanniet ma jkunux joqogħdu n-naħiet tagħna.

## *'Parental Skills'*

Is-Sedqa qed torganizza laqgħat għall-ġenituri matul il-ġimgħat li ġejjin. F'dawn il-laqgħat jiġu diskussi diversi temi bħat-tmexxija tal-familja, komunikazzjoni effettiva, żvilupp psikoloġiku tat-tfal, responsabbilta', alkoħol u drogi, eċċ.

Inħeġġukom biex issegwu l-kalendarju u tattendu għal dawn il-laqgħat.